Kategorija	**Kriterji Kodiċi/ Deskrizzjoni**	**Interventi Eliġibbli**
Category	***Criteria Code/ Description***	***Eligible Interventions***
Żieda fl-Effiċjenza u fil-Provvista tal-Ilma	**W1** Tnaqqis fil-Fluss tal-Ilma	Interventi li għandhom l-għan li jaġġustaw il-fluss jew l-ammont ta' ilma użat f'installazzjonijiet sanitarji eżistenti bħal sinkijiet, sinkijiet għall-ħasil tal-idejn, showers u toilets. L-interventi eliġibbli għandhom ikunu: - l-aġġustament tal-fluss fil-viti eżistenti billi jiġu installati arjaturi, u/jew valvi li jnaqqsu l-pressjoni; - il-bdil tal-viti eżistenti għal dawk attivati b'sensur, għall-viti bil-ħin, jew għall-mixers b'żewġ stadji; - l-installazzjoni ta' toilets b'żewġ flaxxjaturi (fejn ma jkunux diġà eżistenti), valvi għall-flaxing ġodda, jew l-installazzjoni ta' valvi tal-fluss ġodda.
Water Efficiency and Supply Augmentation	***W1*** *Water Flow Reduction*	*Interventions that aim at adjusting the flow or amount of water used in existing sanitary installations such as sinks, handwash basins, showers and toilets. Eligible interventions shall be:* - *adjustment of flow in existing faucets by installing aerators, and/or pressure reducing valves;* - *changing existing faucets to sensor activated, timed faucets, or two-step mixers;* - *installation of dual flush toilets (where not already present), new flush valves, or installation of new float valves.*
	W2 Restawr ta' Ġibjuni	L-interventi eliġibbli għandhom ikunu: - it-tindif u t-tiswijiet fil-bjar eżistenti; - it-tindif u t-tiswijiet tal-ġibjuni eżistenti tal-ilma.
	W2 *Reservoir Restoration*	*Eligible interventions shall be:* - *cleaning and repairs to existing wells;* - *cleaning and repairs to existing water reservoirs.*
	W3 Network Sekondarju	L-installazzjoni ta' network ta' distribuzzjoni sekondarju għall-użu tal-ilma tax-xita miġbur. L-installazzjonijiet jistgħu jitwettqu biex isir użu mill-ilma tax-xita miġbur eżistenti fi bjar/ġibjuni jew iżidu l-ġbir tal-ilma tax-xita minn żona ta' ġbir identifikata. L-interventi eliġibbli għandhom ikunu: - l-installazzjoni ta' pompi; - l-installazzjoni ta' kontrolluri; - l-installazzjoni ta' networks tal-pajpijiet; - l-installazzjoni ta' tankijiet tal-ħżin tal-ilma (il-ħżin 'il fuq mill-art għal żoni ġodda ta' ġbir tal-ilma jew flimkien mal-ġibjun jew mal-bir eżistenti tal-ilma tax-xita); - l-installazzjoni ta' materjali oħra meħtieġa biex jappoġġaw dan in-network ta' distribuzzjoni.

	W3 *Secondary Network*	*Installation of secondary distribution network for the use of harvested rainwater. Installations can be carried out to make use of existing harvested rainwater in wells/reservoirs or add rainwater harvesting from an identified catchment area. Eligible interventions shall be:* - *installation of pumps;* - *installation of controllers;* - *installation of pipe networks;* - *installation of water storage tanks (above ground storage for new catchment areas or in addition to the existing rainwater reservoir or well);* - *installation of other materials needed to support this distribution network.*
	E1 Tisħin tal-Ilma	It-titjib tas-sistemi tat-tisħin tal-ilma, il-mudell il-ġdid għandu jkun ta' kapaċità/potenza simili sakemm ma jiġix ippruvat li l-prestazzjoni tat-tagħmir eżistenti tkun inqas mil-livell standard minħabba l-kapaċità/il-potenza/id-daqs. L-interventi eliġibbli għandhom ikunu: - is-sostituzzjoni tal-ħiters tal-ilma elettriċi b'ħiters tal-ilma solari jew b'pompi tas-sħana mill-arja għall-ilma; - is-sostituzzjoni tal-ħiters tal-ilma li jaħdmu bil-gass b'ħiters tal-ilma solari jew b'pompi tas-sħana mill-arja għall-ilma.
	E1 *Water Heating*	*Improving water heating systems, the new model shall be of similar capacity/power unless it is proved that the existing equipment is underperforming due to capacity/power/size. Eligible interventions shall be:* - *replacement of electric water heaters with solar water heaters or air to water heat pumps;* - *replacement of gas water heaters with solar water heaters or air to water heat pumps.*
Effiċjenza tal-Enerġija	**E2** Effiċjenza tat-Tagħmir	L-interventi eliġibbli għandhom ikunu: - l-iskrappjar ta' apparati ineffiċjenti (inklużi unitajiet AC antiki) u s-sostituzzjoni b'mudelli ġodda. Il-mudelli l-ġodda jridu jipprovdu effiċjenza akbar fl-ilma u fl-enerġija; - it-titjib tal-muturi/tal-pompi bi trażmissjoni b'veloċità varjabbli.
Energy Efficiency	***E2*** *Equipment Efficiency*	*Eligible interventions shall be:* - *scrapping inefficient appliances (including old AC units) and replacement with new models. New models must provide increased water and energy efficiency;* - *upgrading motors/pumps with variable speed drives.*
	E3 Effiċjenza tad-Dawl	Is-sostituzzjoni jew il-modifika tat-tagħmir tad-dawl eżistenti biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika. L-interventi eliġibbli għandhom ikunu: - is-sostituzzjoni tal-luminarji eżistenti għal-LED; - iż-żieda jew is-sostituzzjoni ta' sistemi passivi oħra bħal sensuri tal-preżenza u/jew tad-dawl matul il-jum; - l-installazzjoni ta' sistemi ta' tbaxxija tad-dawl.
	E3 *Lighting Efficiency*	*Replacing or modifying existing lighting fixtures to increase energy efficiency. Eligible interventions shall be:* - *replacing existing luminaires to LED;* - *adding or replacing other passive systems such as presence and/or daylight sensors;* - *installation of dimming systems.*